Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru. 453/09

Il-Pulizija

(Spt. Raymond Cassar)

Vs

Duncan Buttigieg

Illum 30 ta' Marzu, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant, Duncan Buttigieg, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru: 244783M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-11 ta' Settembru 2008, f'xi hin bejn id-disgha ta' filghodu u nofs inhar, f' Hal Ghaxaq, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jaccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Stephen Camilleri, Payzone Co-Operative co Ltd jew/u persuni ohra ;

Fl-istess jum, lok u cirkostanzi, ffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna t'oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku jew min bank jew stabbiliment pubbliku iehor mwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern ;

Fl-istess jum, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna t'oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern ;

Fl-istess jum u jew fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligu f'dawn l-atti jew skrittura wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjoni jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw ;

Fl-istess jum, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza ;

Fil-11 ta' Settembru 2008 u/jew fix-xhur ta' qabel ikkommetta serq ta' cheque book ghad-dannu ta' Joseph Buttigieg jew/u persuni ohra ;

B'hekk kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie lliberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fit-30 ta' Mejju 2008 ;

Sar recidiv ai termini t'Artikolu 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Novembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 167, 169, 183, 184, 284, 285, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 7 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ddikjarat li sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u kkundannatu sentejn (2) prigunerija.

Wara li rat l-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' l-atti ta' dawn il-proceduri jintbaghtu ghand l-Avukat Generali fi zmien li trid il-Ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta' Dicembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata u dan billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-appellant instab hati tal-akkuzi dedotti u tbiddilha fejn il-Qorti kkundannatu ghal sentejn prigunerija w minflok tipprovdi ghall-piena aktar mita w idoneja fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-piena fic-cirkostanzi kienet eccessiva w mhux idoneja.

Illi f'dan is-sens l-appellant gja kellu okkazzjoni jirreferi din il-Qorti ghas-sentenza ohra fl-ismijiet il-Pulizija (Spt. Angelo Gafa' vs Duncan Buttigieg deciza 23 ta' Settembru, 2009 per Magistrat Doreen Clarke.

Illi f'dik il-kawza dik il-Qorti dwar il-piena osservat is-segwenti.

Illi dwar il-piena il-qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-appellant u c-cirkostanzi personali tal-appellant. Jidher car li l-appellant ghandu problemi u ghandu bzonn ta' kura. Jidher car ukoll li l-appellant ghandu bzonn li xi hadd isegwih mill-vicin biex jigi assigurat u jaghmel dak kollu li jehtieg biex isolvi l-problemi li ghandu u verament jirrihabilita ruhu.

Illi minhabba f'dan dik il-Qorti poggiet lill-appellant taht ordni ta' probation pero' b'ordni ta' trattament.

Illi f'dak il-kaz il-Qorti kellha okkazzjoni tisma dak li kellu xi jghid it-tabib David Cassar nominat minn dik l-istess Qorti.

Illi dan l-espert irrelata lill-Qorti bid-detall ic-cirkostanzi personali tal-appellant u l-problemi enormi personali li huwa kien qed jirrinfaccja.

Illi a skans ta' repetizzjoni f'dan il-rpcess l-appellant irreferixxa ghas-sentenza fuq indikata w talab il-Qorti sabiex tabbraccia l-istess konsiderazzjonijiet maghmula minn dik il-Qorti stante s-similjanza tac-cirkostanzi.

Illi f'dan il-process l-appellant jirrizerva li jitlob lil din il-Qorti li ttellgha bhala xhud lit-tabib David Cassar.

Illi inoltre ghandu jigi relevant li fil-mori ta' dawn il-proceduri l-appellant kien beda jhallas lura l-flus in kwistjoni u gja lahaq hallas seba' mitt Euro (€700).

Ikkunsidrat,

Illi il-gravam sottoptost ghal gudizzju ta' din il-Qorti jikkoncerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghall-akkuzi ta' falsifikazzjoni u frodi li dwarhom l-appellanti gie misjub hati. Jilmenta illi l-piena komminata mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva tenut kont tal-fatt illi l-appellanti huwa bniedem li ghandu bzonn kura medika u professjonali u ghalhekk piena karcerarja tista tkun aktar ta' detriment ghalih. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal motivazzjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati f'decizjoni ohra moghtija fil-konfront tieghu ftit xhur qabel u cioe' fit-23 ta' Settembru 2009 fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) vs Duncan Buttigieg'.

Illi mal-ewwel jigi osservat illi huwa stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

**"As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):**

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent**

**cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[1]"**

Issa l-appellanti qieghed isejjes il-lanjanza tieghu fuq decizjoni ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ftit xhur qabel id-decizjoni impunjata fejn huwa kien gie moghti piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija u b'hekk tqieghed taht Ordni ta' Probation u Ordni ta' Trattament ghal perijodu ta' tlett snin. Illi il-Qorti tosserva illi din id-decizjoni kienet diga' ingiebet a konjizjoni ta'l-Ewwel Qorti mid-difiza u fil-fatt tinsab inserita in atti. (fol.33 et seq.). Issa l-Ewwel Qorti dehrilha illi ma setatx timxi bl-istess mod billi irrizultalha li ghalkemm l-appellanti kien inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu madanakollu huwa ma kien ghamel xejn biex ibiddel l-istil ta' hajja tieghu. Xhieda ta' dan hija l-fedina penali piuttost voluminuza ta'l-appellanti, li kopja aggornata taghha giet esebieta f'dan l-istadju ta' revizjoni minn fejn johorgu ghadd gmielu ta' kundanni ghal reati simili bhal dawk addebitati lill-appellanti permezz tal-presenti proceduri. Mhux biss izda jidher mill-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ottubru 2015 illi l-appellanti illum jinsab inkarcerat. Illi ghalhekk ma hemm l-ebda prova in atti li tista remotament tindika illi l-appellanti ghamel xi progress f'hajjtu, anzi jidher ghal kuntrarju illi hemm rigress tant illi bhal issa jinsab residenti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, konsiderazzjoni ghalhekk li tipprekludi lil din il-Qorti milli timponi piena alternattiva ghal dik karcerarja kif mitlub mill-appellanti fil-gravam uniku sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti.

---

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005

Ghal dawn il-motivi ghalhekk din il-Qorti ma tara li hemm l-ebda mottiv li jista' igieghla tvarja l-kalibrazzjoni tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti li hija *del resto* wahda li taqa' sewwa fil-parametri tal-ligi, anzi tqarreb aktar lejn il-minimum taghha.

Ghaldaqstant l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur